# L-Ewwel Ġebla tal-Knisja l-Ġdida

**Lorenzo Zahra**

Fit-"Times of Malta" tat-3 ta' Ottubru 1924, hija rrapportata l-ġrajja ta' meta n-nies ta' Għajnsielem ħasbu biex jibnu Santwarju ġdid b'ġieħ il-Madonna ta' Loreto.

Għal dik l-okkażjoni jingħad li kienu qasmu lejn Għawdex madwar 2,000 ruħ fosthom kienet il-Banda tal-Birgu, dik magħrufa bħala 'Duke of Edinburgh' li dak iż-żmien kienet waħda mill-aħjar baned tal-gżira. Nhar is-Sibt f'xi s-sitta ta' fil-għaxija kienet saret proċessjoni bix-xbiha tal-Madonna li allura kienet facsimile ta' xbieha għażiża li kienet inħarqet fit-22 ta' Frar 1921.

Il-Ħadd, 14 tax-xahar ta' Settembru Mons. Mikiel Gonzi kien għamel Presbiter Assistant f'quddiesa sollenni u kien niseġ paneġirku Dun Nerik Cordina Perez.

L-ewwel ġebla kienet tqegħdet wara nofs in-nhar u minn dak in-nhar kellu jibda l-bini tas-Santwarju ta' Loreto li kien ġie mħażżeż mill-perit Ugo Mallia.



Huwa ta' min jgħid li fil-Knisja, l-mużika wkoll kienet f'idejn in-nies tal-Birgu billi l-orkestra kienet dik tal-Kanonku Dun Rafel Mazzelli, filwaqt li l-Banda wkoll tal-Birgu kienet ferrħet lill-poplu bid-daqq tagħha.